



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tat-12 ta' Diċembru 2018 – Mubarak vs Il-Kunsill

(Kawża T-358/17)

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Eġittu – Iffriżar ta’ fondi – Għanijiet – Kriterji ta’ inklużjoni tal-persuni kkonċernati – Żamma ta’ isem ir-rikorrent fil-lista tal-persuni kkonċernati – Bażi fattwali – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Bażi legali – Proporzjonalità – Dritt għal smiġh xieraq – Preżunzjoni ta’ innoċenza – Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba – Żball ta’ liġi – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Dritt għall-proprjetà – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva”

1. *Unjoni Ewropea – Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet – Miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu – Iffriżar ta’ fondi tal-persuni implikati fil-miżapproprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi u tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew organi assoċjati magħhom – Portata tal-istħarriġ – Stħarriġ ristrett għar-regoli ġenerali – Stħarriġ li jestendi għall-evalwazzjoni tal-fatti u għall-verifika tal-provi għall-atti li japplikaw għal entitajiet speċifiċi – Żamma ta’ isem ir-rikorrent fil-lista tal-persuni kkonċernati – Obbligu, għall-Kunsill, li jwettaq verifiki kumplimentari – Portata*

[Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2017/496 u (PESK) 2018/466; Regolamenti tal-Kunsill 2017/491 u 2018/465]

(ara l-punti 40, 41, 102)

2. *Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu – Deċiżjoni ta’ ffriżar ta’ fondi – Adozzjoni jew żamma abbażi ta’ deċiżjoni nazzjonali ta’ ffriżar ta’ fondi ta’ awtorità ta’ Stat terz – Ammissibbiltà – Kundizzjoni – Deċiżjoni nazzjonali adottata fl-osservanza tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Obbligu ta’ verifika li jorbot lill-Kunsill – Obbligu ta’ motivazzjoni – Portata*

[Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2011/172/PESK, (PESK) 2017/496 u (PESK) 2018/466; Regolamenti tal-Kunsill 2017/491 u 2018/465]

(ara l-punti 64, 65, 70, 72-74, 78)

3. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu – Iffriżar ta' fondi tal-persuni implikati fil-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew organi assoċjati magħhom – Miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi – Kunċett – Interpretazzjoni awtonoma u uniformi – Interpretazzjoni wiesgħa – Aġiri li jistgħu jiġu kkwalfikati, fil-liġi kriminali nazżjonali, bħala miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi – Inklużjoni*

[Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK, Artikolu 1(1); Regolament tal-Kunsill Nru 270/2011, Artikolu 2(1)]

(ara l-punti 101, 103, 104, 111, 112, 116)

4. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Prinċipji – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu – Deċiżjoni ta' żamma ta' isem ir-rikorrent fil-lista tal-persuni kkonċernati – Obbligu li jiġu kkomunikati r-raġunijiet individwali u speċifiċi li jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet meħuda – Obbligu li l-persuna kkonċernata tiġi permessa tesponi b'mod utli l-opinjoni tagħha dwar il-motivi allegati kontriha – Portata*

[Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2011/172/PESK, (PESK) 2017/496 u (PESK) 2018/466; Regolamenti tal-Kunsill Nru 270/2011, 2017/491 u 2018/465]

(ara l-punti 151-153, 158)

5. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu – Iffriżar ta' fondi tal-persuni implikati fil-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew organi assoċjati magħhom – Restrizzjoni tad-dritt għall-proprjetà u tad-dritt għar-reputazzjoni – Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità – Assenza*

[Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2011/172/PESK, (PESK) 2017/496 u (PESK) 2018/466; Regolamenti tal-Kunsill Nru 270/2011, 2017/491 u 2018/465]

(ara l-punti 166, 177-181, 182)

Suġġett

Talba mressqa abbażi tal-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/496, tal-21 ta' Marzu 2017, li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2017, L 76, p. 22), it-tieni nett, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/491, tal-21 ta' Marzu 2017, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2017, L 76, p. 10), it-tielet nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/466, tal-21 ta' Marzu 2018, li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2018, L 78I, p. 3), u, ir-raba' nett, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni

tal-Kunsill (UE) 2018/465, tal-21 ta' Marzu 2018, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2018, L 78I, p. 1), sa fejn dawn l-atti japplikaw għar-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Mohamed Hosni Elsayed Mubarak huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk esposti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.